

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Teco Electric & Machinery Co. Ltd (Tajpei, it-Tajwan)

### Talbiet tar-rikorrenti

- tibdel id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-18 ta' Frar 2010, fil-Każ R 230/2009-1, b'tali mod li tiġi irrifusata l-oppożizzjoni Nru B 1 112 889, tal-5 ta' Frar 2007, ibbażata fuq it-trade mark verbali u figurattiva Ġermaniża Nru 30 327 439, it-trade mark verbali u figurattiva Brittanika u tal-Irlanda ta' Fuq Nru 233 226, it-trade mark verbali u figurattiva tal-Benelux Nru 742 535 u t-trade mark verbali u figurattiva Spanjola Nru 2 545 860 TECO.
- sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-18 ta' Frar 2010, fil-Każ R 230/2009-1.
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark verbali "SYTECO" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 37 u 42

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Teco Electric & Machinery Co. Ltd.

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: erba' trade marks figurattivi nazzjonali li jinkludu l-element verbali "TECO", għal prodotti fil-klassijiet 7, 9 u 11

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħha parżjalment

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (¹), peress li ma teżistix probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti.

Rikors ippreżżentat fil-21 ta' Mejju 2010 — Couture Tech Limited vs UASI (rappreżentazzjoni ta' tarka bl-arma tar-razza bi globu, stilla, minġel u martell)

(Kawża T-232/10)

(2010/C 195/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Tech Ltd (Tortola, British Virgin Islands) (rappreżentant: B. Whyatt, Barrister)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

### Talbiet tar-rikorrenti

- Tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-5 ta' Marzu 2010 fil-Każ R 1509/2008-2; u
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: Trade mark figurattiva bil-kuluri li tirrappreżenta tarka bl-arma tar-razza bi globu, stilla, minġel u martell (applikazzjoni għar-reġistrazzjoni Nru 5585898) għal prodotti fil-klassijiet 3, 14, 18, 23, 26 u 43.

Deċiżjoni tal-eżaminatur: L-applikazzjoni tat-trade mark Komunitarja hija miċħuda.

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: L-appell huwa miċħud.

Motivi invokati: Ir-rikorrenti invokat żewġ motivi ta' li ġi insostenn tar-rikors tagħha.

Rigward l-ewwel motiv, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkon-testata tikser l-Artikolu 7(1) u (2) u l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell żabalja meta applika dawn l-artikli għall-applikazzjoni tat-trade mark Komunitarja.

Permezz tat-tieni motiv, ir-rikorrenti tikkunsidra li d-deċiżjoni kkontestata naqset milli tapplika r-regoli ta' ekwidà billi ma rrikonoxxiet id-dritt tagħha li jirriżulta mill-aspettativ leġġitmu li tikseb ir-reġistrazzjoni tat-trade mark.

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) tal-Kunsill Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).